MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 130/2013

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs.**

**Kruger Brent Development Limited, bhala debitur principali u Spiridione sive Dione Bartolo u martu Mary Tania sive Tania Bartolo, bhala garanti solidali**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-7 ta’Frar 2013, li jaqra hekk:

*“Illi l-Bank rikorrenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Debono li jgib d- data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru, tas-sena elfejn u sebgha (2007) li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" ikkonceda lis-socjeta intimata Kruger Brent Development Limited facilita ta'"overdraft" u in forza ta' din il-facilita !-imsemmija socjeta intimata ssellfet flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandha debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' seba' mija u ghoxrin elf, hames mija erbgha u ghoxrin punt tmienja wiehed Ewro (€720,524.81) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi*

*kkalkolati sal-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet l-hlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjigha kollha prezenti u futuri. Kif ukoll l-intimati Spiridione sive Dione Bartolo u martu Mary Tania sive Tania Bartolo ggarantew b'mod solidali il-hlas lura ta l-imsemmi debitu permezz ta ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri oltre ipoteka specjali fuq blokk bini bl-isem "Seagull Flats" f'Marfa Road, Mellieha Bay, Mellieha u bicca art formanti parti mill artijiet maghrufa bhala "Il-Qortin ta Santa Marija" fil-limiti tal Mellieha skond kif ahjar deskritti fl-imsemmi kuntratt;*

*Illi l-intimati naqsu milli jaghmlu il-pagamenti akkont skond kif pattwit;*

*Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu, anke ufficjalment, skond ittra ufficjali li ggib id-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta Ottubru, elfejn u tnax (2012) li kopja legali taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "C", l-intimati baqaw inadempjenti;*

*Ghaldaqstant, il-Bank rikorrenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha ghar ragunijiet hawn fuq premessi :-*

*1) tikkundanna lill-intimati kollha in solidum ihallsu lil Bank rikorrenti s-somma seba' mija u ghoxrin elf, hames mija erbgha u ghoxrin punt tmienja wiehed Ewro (€720,524.81) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sal-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv, raprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita ta overdraft moghtija lis-socjeta intimata Kruger Brent Development Limited skond kif ahjar deskritt aktar il fuq;*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal ittra ufficjali li ggib id data tas-26 ta Ottubru,2012 u bl-imghaxijiet legali mil-11 ta Dicembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati kollha - id-diretturi tas-socjeta intimata Kruger Brent Development Limited huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom u l-intimati l-ohra Spiridione sive Dione Bartolo u martu Mary Tania sive Tania Bartolo huma ukoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet, u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta'Kruger Brent Development Limited (C10608) et tat-8 ta'Marzu 2013 (a fol. 18 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi mill-kuntratti imsemmija fir-Rikors promotorju, ma jirrizultax terminu meta l-hlas lura ta' overdraft kellu jsir u ghalhekk a tenur ta'l-Artikolu 1077 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta hemm stipulat illi "**Meta ma jkun gie stabbilit ebda zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzioni, din ghandha tigi esegwita minnufih, izda dan kemm-il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, jew il-mod li bih ghandha tigi esegwita, jew il-lok miftiehem ghall-esekuzzjoni taghha, ma jgibux maghhom il-htiega ta' zmien li, jekk ikun hemm bzonn, jigi stabbilit mill-Qorti**".*

2. *Illi mill-kuntratti msemmija, ma jirrizultax illi l-kapital u l-imghaxx kellu jithallas lura fi zmien stabbilit imma mix-xorta tal-kuntratt kien jehtieg medda ta' zmien biex dan id-debitu jithallas u ghalhekk kif gie spjegat, dan id-dejn ghadu ma inghalaqx ghax it-terminu ta'hlas ta' dan id-dejn ghandu jigi stabbilit mill-Qorti gja la darba ma jirrizultax mill-kuntratt innifsu.*

3. *Illi skond l-istess kuntratt, ma jirrizultawx l-events of default,li jirrigwardaw il-ksur ta' l-obbligi fosthom jekk ikun hemm xi ksur tal-kundizzjonijiet materjali imposti fil-kuntratt ta' overdraft, liema events of default ma jikkonkorrux stante illi l-intimat dejjem hallas l-imghaxxijiet kif gew dovuti u ghalhekk ma jistghux ghal ebda raguni jippretendu illi jigbdu lura l-overdraft li ftehmu li jaghtu lill-intimat ghal gestjoni fin-negozju tieghu.*

4. *Illi ma jirrizultax illi l-intimati kisru xi obbligu kif naxxenti mill-istess kuntratti stante illi huma ma kisru l-ebda mill-obbligazzjonijiet kif naxxenti mill-istess kuntratti ta' overdraft esebit f'dan l-att.*

5. *Illi l-esponenti ma jaqblux ma' l-ammonti kif mitluba mill-istess rikorrenti, partikolarment kif gie kkalkolat l-imghaxx u r-rati li bih inhadem l-imghaxx. ln oltre' jidher ukoll illi r-rikorrenti nomine kkalkola imghaxx fuq imghaxx bi frekwenza li m'hijiex cara lanqas.*

6. *Salv eccezzjonijiet ohra"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'**ammissjoni** ta' Kruger Brent Development Limited, Spiridione sive Dione Bartolo u Mary Tania sive Tania Bartolo tat-12 ta' Frar 2015 (a fol.160), fejn ammettew t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mill-bank attur u cioe'ix-xhieda tal-ufficjali tal-bank attur, il-kuntratt Dok.A datat 26 ta' Settembru 2007 ghal-facilita' bankarja ta' *overdraft*, Dok. B *statement* li jindika il-bilanc tad-debitu tal-*overdraft* minn fol. 53 sa 74 u r-rata tal-imghax u x-xhieda tal-ufficjali mill-bank dwar kif inhadem l-imghax fuq din il-facilita' bankarja li rrizulta finalment f'Dok. MCX a fol. 152.

Eppure wara dan l-ezercizzju u precizament fit-12 ta' Frar 2015, s-socjeta' intimata u l-intimata ammettew t-talbiet attrici kif dedotti fil-rikors promotorju.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, billi tikkundanna lill-intimati kollha in solidum ihallsu lil Bank rikorrenti s-somma seba' mija u ghoxrin elf, hames mija erbgha u ghoxrin punt tmienja wiehed Ewro (€720,524.81) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sal- 10 ta' Dicembru 2012, oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mil-11 ta' Dicembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv,

raprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita ta overdraft moghtija lis-socjeta intimata Kruger Brent Development Limited.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata u l-intimati.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------